MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-9 ta' April, 2025

Appell Inferjuri Numru 5/2024 LM

**Mario Cassar (K.I. nru. 390969M)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**John Karl Grech (K.I. nru. 424287M) – The Awnings Malta**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **John Karl Grech (K.I. nru. 424287M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mid-deċiżjoni mogħtija fl-24 ta' April, 2024, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fl-ismijiet fuq

premessi, li ddeċieda t-talbiet tar-rikorrenti **Mario Cassar (K.I. nru. 390969M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellati'] fil-konfront tal-intimat, kif ġej:

> *"Għal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jikkundanna l-intimat/azjenda intimata,* in solidum *bejniethom, jirrifondu s-somma ta' tlett elef seba' mija u sitta u sebgħin euro. Bi dritt tal-intimat/azjenda intimata illi jieħdu lura l-pergola wara li jsir id-debitu ħlas. Bl-ispejjeż."*

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw talba għar-rifużjoni tal-prezz tax-xiri ta' pergola akkwistata mingħand l-intimat, wara li din il-pergola żviluppat is-sadid ftit wara li ġiet installata.

**<u>Mertu</u>**

3. Ir-rikorrent spjega li huwa ordna pergola mingħand 'The Awnings, Malta', u ħallas depożitu ta' €1,600, u l-bilanċ tal-prezz kellu jitħallas bi flus kontanti mal-installazzjoni tal-imsemmija pergola. Ir-rikorrent qal li meta ħallas il-bilanċ tal-prezz, huwa ġie infurmat mill-intimat li l-fattura u l-garanzija għal din il-pergola kien ser jirċevihom bil-posta, iżda baqa' mingħajrhom. Ir-rikorrent qal li f'Mejju tal-2023 huwa bagħat diversi ritratti lill-intimat sabiex jurih li l-pergola in kwistjoni kienet żviluppat is-sadid, u dan kien wieġbu li kien ser ikellem lill-fornitur tal-prodott sabiex din tiġi sostitwita.

4. L-intimat wieġeb billi preliminarjament eċċepixxa li huwa kien għadu ma ġiex notifikat bl-Avviż tat-Talba skont il-liġi. In linea preliminari ukoll, l-intimat qal li r-rikorrent għandu jiddikjara x'qiegħed jitlob mingħand it-Tribunal permezz tal-Avviż tat-Talba tiegħu, u dan għaliex m'hemm l-ebda talba

speċifikata fl-Avviż, u rriserva d-dritt li jippreżenta tweġiba u eċċezzjonijiet ulterjuri wara li t-talba tar-rikorrent tiġi ċċarata. L-intimat eċċepixxa wkoll li l-ħsara li qiegħed jilmenta dwarha r-rikorrent, mhijiex responsabbilità tiegħu, u fi kwalunkwe każ huwa kien offra lir-rikorrent il-possibilità li l-prodott jiġi sostitwit. Qal li l-prodott kien ġie ordnat minn barra bi qbil u bl-aċċettazzjoni tar-rikorrent, u meta wasal il-prodott, ir-rikorrent ma tahx l-opportunità li jissostitwixxi l-prodott, u ma kkoperax sabiex jinżamm l-appuntament għal tali sostituzzjoni. L-intimat qal li dan in-nuqqas min-naħa tar-rikorrent jindika li huwa kien kuntent bil-prodott, għaliex fil-fatt kien aċċettah u żammu, filwaqt li issa qiegħed jirrifjuta li jikkopera mal-intimat sabiex il-prodott li jallega li huwa difettuż jiġi sostitwit. L-intimat żied jgħid li fi kwalunkwe każ m'hemm l-ebda lok għal rifużjoni għaliex il-ħsara hija waħda minima, u huwa ma ngħatax l-opportunità li jissostitwixxi jew isewwi l-prodott, kif wara kollox kien maqbul bejn il-partijiet. L-intimat qal li kull rimedju li huwa ser ikun obbligat jipprovdi lir-rikorrent għandu jkun l-inqas wieħed oneruż possibbli għalih.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

5. It-Tribunal għadda sabiex jilqa' t-talba tar-rikorrent, u kkundanna lill-intimat u/jew lill-azjenda intimata, *in solidum* bejniethom, jirrifondu s-somma ta' tliet elef, seba' mija u sitta u sebgħin Euro (€3,776.00) lir-rikorrent, bid-dritt tal-intimat jew tal-azjenda li jieħdu lura l-pergola wara li jsir il-ħlas dovut. It-Tribunal wasal għal din il-konklużjoni wara li għamel dawn il-konsiderazzjonijiet:

> ***"Ikkunsidra:***
>
> *Illi rriżulta mill-provi illi fit-3 ta' Mejju, 2021 ir-rikorrent ordna pergola mingħand l-azjenda intimata u ħallas depożitu ta' elf u sitt mitt euro permezz ta' ċekk, bil-ftehim*

*illi l-bilanċ jingħata lill-intimat bi flus kontanti mal-installazzjoni. Ir-rikorrent qal illi meta ħallas kollox, l-intimat wegħdu illi kien ser jibgħatlu l-invoice u l-garanzija bil-posta, iżda baqa' mingħajrhom. Sentejn wara, f'Mejju 2023, il-pergola bdiet titqaxxar u huwa bagħat ritratti ta' dan lill-intimat, li min-naħa tiegħu qallu illi ħa jkellem lis-*supplier *biex jibgħatlu pergola oħra. Ftit żmien wara bagħat* email *lill-intimat u anke pprova jċempillu, iżda baqa' mingħajr tweġiba, u għalhekk kien kostrett illi jiftaħ dawn il-proċeduri.*

*Illi għalkemm l-intimat/l-azjenda intimata għamlet risposta, ħadd ma deher quddiem dan it-Tribunal u r-risposta għalhekk mhijiex konfermata bil-ġurament.*

*Illi l-intimat ipprova jistaħba wara l-fatt illi hu għadu mhux notifikat bl-avviż tat-talba, mentri mill-atti tal-proċess jidher ċar illi dawn l-atti ntbagħtu b'ittra reġistrata fit-30 ta' Novembru, 2023 u ġew notifikati lil Shirley Grech jumejn wara, fl-indirizz "The Muses, Crescendo Court P/H8, Triq ta' Lanza, Żabbar" (RR428189775MT).*

*Illi għal dak li jirrigwarda t-tieni eċċezzjoni, u ċioe li fit-talba tar-rikorrenti ma hemmx indikat speċifikament x'qed jitlob mingħand, apparti l-fatt illi dan it-Tribunal mhuwiex marbut b'dettami stretti ta' proċedura, l-avviż tar-rikorrent kienet ċara biżżejjed u l-ammont tal-awning/pergola ġie indikat permezz tal-invoice li ġie esebit mal-avviż. Meta deher quddiem dan it-Tribunal, ir-rikorrent xehed bil-ġurament u għamilha ċara illi hu xtaq jieħu l-ammont kollu lura u l-intimat jekk ried, missu deher u talab differiment sabiex jagħmel risposta ulterjuri.*

*Illi t-Tribunal ra l-*emails *preżentati fl-atti, fejn jidher ċar illi f'Ġunju u anke f'Awwissu 2023 kien hemm korrispondenza bejn il-partijiet, fejn xi ħadd 'Shir' mill-azjenda intimata qalet illi huma kienu infurmaw lill-fornitur bis-sitwazzjoni u kienu ser jibdlu l-prodott ma' wieħed ġdid u wegħduh illi kienu ser jagħtuh data u jsolvi l-kwistjoni bi jew mingħajr l-intervent tal-MCCAA. Però sal-aħħar ta' Settembru u ċioe meta nfetħet din il-kawża, il-kwistjoni kienet għadha mhux solvuta.*

*Illi t-Tribunal jemmen li jekk l-intimat verament kellu l-intenzjoni li jbiddel il-pergola huwa kellu diversi opportunitajiet li jagħmel dan anke fil-mori ta' dawn il-proċeduri, u tal-inqas missu deher quddiem dan it-Tribunal u jipprova jilħaq soluzzjoni, jew almenu jagħti l-verżjoni tiegħu. U jekk verament kien ir-rikorrent illi ma żammx l-appuntament wara li dan ġie miftiehem, l-intimat kellu kull opportunità illi juri l-provi ta' dan u jixhed dwarha. Però l-intimat baqa' ma deherx, u għalhekk it-Tribunal huwa propens jemmen il-verżjoni tar-rikorrent u ċioe illi ma kien hemm l-ebda appuntament, proprju għaliex l-intimat ma kompliex iwieġeb it-telefonati u l-*emails *tar-rikorrent.*

*Illi wara li ra r-ritratti u l-korrispondenza eżebita, it-Tribunal huwa sodisfatt illi l-pergola kienet qed titqaxxar u kellha bżonn tinbidel. Fiċ-ċirkostanzi, però, anke għaliex l-intimat baqa' ma deherx biex jagħti l-verżjoni tiegħu (apparti l-fatt illi ngħata l-opportunità illi jbiddel il-prodott), it-Tribunal jidhirlu illi huwa fl-aħjar interess tal-partijiet illi r-rikorrent jingħata flusu lura.*

*Għal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jikkundanna l-intimat/azjenda intimata,* in solidum *bejniethom, jirrifondilu s-somma ta' tlett elef, seba' mija u sitta u sebgħin euro. Bi dritt tal-intimat/azjenda intimata illi jieħdu lura l-pergola wara li jsir id-debitu ħlas. Bl-ispejjeż."*

## L-Appell

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fit-13 ta' Mejju, 2024, fejn qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex:

*"...b'riserva illi jressaq dawk il-provi kollha permissibbli skont il-liġi f'dan l-istadju, jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' April tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) fl-ismijiet premessi billi tiċħad it-talbiet tal-appellat fl-intier tagħhom.*

*Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat."*

7. Jgħid li l-aggravji tiegħu huma s-segwenti: (a) ladarba huwa qatt ma ġie debitament notifikat skont il-liġi bl-avviż tat-talba u bis-smigħ tal-kawża, id-deċiżjoni appellata hija difettuża u leżiva tal-jeddijiet tiegħu; (b) it-Tribunal naqas milli josserva l-provvedimenti relattivi tal-liġi applikabbli li jirregolaw ir-rimedji disponibbli f'sitwazzjonijiet fejn hemm ħsara fi prodott kopert b'garanzija.

8. L-appellat wieġeb fis-16 ta' Settembru, 2024, fejn qal li huwa qiegħed jikkontesta r-rikors tal-appell tal-appellant, filwaqt li saħaq li l-appell intavolat huwa frivolu u vessatorju.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

9. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji rispettivi tal-appellant, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet tal-appellat.

*L-Ewwel Aggravju:* *[Id-deċiżjoni tat-Tribunal hija leżiva tad-drittijiet tal-appellant]*

10. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant jissottometti li minkejja dak dikjarat fid-deċiżjoni tat-Tribunal, huwa qatt ma ġie nnotifikat bil-proċeduri odjerni, u l-pustier li kien inkarigat jinnotifikah bl-atti tal-kawża, iffirma għalih u tefa' l-karti tal-Avviż tat-Talba fil-*letterbox* tiegħu. L-appellant qal li huwa ilmenta mal-Maltapost dwar dan l-episodju, li min-naħa tagħhom bagħtulu kopja tal-firma, liema firma l-appellant qal li la taqbel ma' tiegħu u lanqas ma' ta' martu. Qal li sussegwentement, huwa ġie infurmat mir-Reġistru tat-Tribunal li s-seduta li kien imiss kienet ser tiġi differita. Qal li huwa ma kienx infurmat bis-seduta tas-27 ta' Marzu, 2024, u għalhekk ma attendiex għaliha, filwaqt li t-Tribunal ipproċeda billi ħalla l-kawża għad-deċiżjoni. L-appellant qal li s-smigħ tkompla mingħajr in-notifika tiegħu, u s-seduti saru ad insaputa tiegħu. Kompla jgħid li minkejja dan kollu, u minkejja dak eċċepit minnu fir-risposta tiegħu, it-Tribunal baqa' għaddej bis-smigħ mingħajr ma ttratta l-ewwel eċċezzjoni tiegħu. L-appellant saħaq li għalhekk huwa ma ngħatax l-opportunità li jiddefendi lilu nnifsu b'mod xieraq, u t-Tribunal lanqas ma qies ir-risposta tiegħu għaliex din ma kinitx ġuramentata. L-appellant qal li għalhekk fil-fehma tiegħu d-deċiżjoni

tat-Tribunal hija nulla minħabba dak li jipprovdi l-artikolu 790 tal-Kap. 12, għaliex tali difett ippreġudikalu d-dritt għal smigħ xieraq.

11. L-appellat wieġeb li l-appellant ippreżenta r-risposta tiegħu fiż-żmien mogħti lilu bil-liġi, u fl-ebda waqt tal-proċeduri ma tqies li huwa kontumaċi. Qal li dan il-fatt waħdu jindika li l-appellant kien notifikat b'dawn il-proċeduri u għalhekk huwa deliberatament naqas milli jattendi għas-seduti tat-Tribunal. Kompla jgħid li kull allegazzjoni tal-appellant li b'xi mod huwa ġie żgwidat mir-reġistru tat-Tribunal meta ġie infurmat li s-seduta li jmiss kienet ser tiġi differita, huwa mill-aktar infondat u ironiku, u kompla jgħid li huwa inkomprensibbli kif l-appellant jgħid li t-Tribunal naqas milli jieħu konjizzjoni tal-eċċezzjoni tiegħu li huwa ma ġiex notifikat bl-Avviż tat-Talba kif tgħid il-liġi, meta huwa rrisponda għall-proċeduri quddiem it-Tribunal. L-appellat qal li lanqas m'huwa minnu li l-appellant ma ngħatax l-opportunità li jiddefendi ruħhu b'mod xieraq, għaliex din l-opportunità ngħatatlu, iżda kien hu li ma ħadhiex. L-appellat qal ukoll li lanqas m'huwa minnu li t-Tribunal x'imkien iddikjara li ma kienx ser jieħu konjizzjoni tar-risposta tal-appellant għaliex din ma kinitx ġuramentata. Qal li t-Tribunal stabbilixxa li l-atti proċedurali ntbagħtu, u ġew notifikati lill-appellant permezz tal-posta reġistrata, u għalhekk ma kien hemm l-ebda difett, azzjoni u/jew nuqqas li b'xi mod seta' jippreġudika d-dritt tal-appellant għal smigħ xieraq. L-appellat għamel riferiment għall-fatt li l-appellant għażel li jippreżenta xi dokumenti flimkien mar-rikors tal-appell tiegħu, u żied jgħid li huwa kien ser ikun qiegħed iressaq talba separata għall-isfilz ta' dawn id-dokumenti mill-proċess. Tali talba fil-fatt saret u ġiet miċħuda minn din il-Qorti.

12. Il-Qorti tirrileva li mill-*pink card* esebita in atti, jirriżulta li l-appellant ġie notifikat bl-Avviż tat-Talba tal-appellat fit-2 ta' Novembru, 2023, meta l-Avviż tħalla ma' Shirley Grech. Din il-Qorti mhijiex sejra tidħol fil-mertu dwar jekk il-firma li tidher fuq il-*pink card* taqbilx mal-firma tas-Sinjura Grech, għaliex min-natura tal-eċċezzjonijiet mogħtija mill-appellant fir-risposta tiegħu għall-Avviż tat-Talba, jirriżulta bl-aktar mod ċar li dan kien jaf sew dan l-avviż x'kien jgħid, tant hu hekk li ressaq l-eċċezzjoni preliminari li t-talbiet tal-appellat ma jirriżultawx ċari minn dan l-avviż. Jirriżulta wkoll li minkejja li l-intimat, hawnhekk l-appellant, jallega li huwa ma ġiex debitament notifikat, l-appellant ippreżenta r-risposta tiegħu għall-Avviż tat-Talba fil-ħin, u t-Tribunal fl-ebda waqt ma kkunsidrah bħala kontumaċi. Jirriżulta wkoll li l-ewwel seduta li kien iffissa t-Tribunal għas-smigħ tal-provi kellha titħassar minħabba l-indispożizzjoni ta' membru tat-Tribunal, u ngħata differiment għas-27 ta' Marzu, 2024. Il-Qorti tirrileva li kien l-appellant li naqas milli jinforma ruħhu dwar id-data tad-differiment, minkejja li kien jaf, jew messu kien jaf, li l-ewwel seduta li tħalliet għas-smigħ tal-provi kienet ġiet differita. Kien obbligu tal-appellant li jsegwi l-andament tal-proċeduri u jinforma ruħhu bid-dati tad-differimenti li ngħataw, partikolarment meta jirriżulta wkoll li tul il-proċess kollu huwa kien assistit minn avukat tal-fiduċja tiegħu. Minn qari tad-deċiżjoni tat-Tribunal, jirriżulta li mhux minnu lanqas li dan naqas milli jikkunsidra l-kontenut tar-risposta tal-appellant, għaliex fid-deċiżjoni tiegħu t-Tribunal irrefera diversi drabi għall-eċċezzjonijiet mressqa mill-appellant fir-risposta tiegħu, u fil-fatt it-Tribunal imkien ma rrimarka dwar il-fatt li din ir-risposta ma kinitx ġuramentata. Għaldaqstant u in vista tas-suespost, l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant qiegħed jiġi miċħud

għaliex mill-provi jirrizulta li dak sottomess mill-appellant fl-ewwel aggravju tiegħu, m'għandux mis-sewwa.

*It-Tieni Aggravju:* *[Il-ħsara kienet koperta bil-garanzija. It-Tribunal kellu josserva l-provvedimenti tal-liġi f'dan ir-rigward]*

13. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu, l-appellant qal li t-Tribunal naqas milli josserva l-provvedimenti relattivi tal-liġi applikabbli, li jirregolaw ir-rimedju disponibbli fejn hemm ħsara fi prodott kopert b'garanzija. Qal li huwa jsibha diffiċli jifhem kif it-Tribunal kien moralment konvint li l-ħsara lamentata mill-appellat teżisti, u li din hija responsabbilità tiegħu, u jekk huwa kellu jipprovdi xi rimedju minħabba d-difett li seta' jirriżulta, it-Tribunal ma messux għadda biex jordna r-rifużjoni tal-prezz mingħajr ma ġiet esplorata l-possibilità tat-tiswija jew tas-sostituzzjoni tal-prodott. L-appellant qal li t-Tribunal lanqas ma seta' jinjora d-dritt tiegħu li r-rimedju mogħti jkun l-inqas wieħed oneruż għalih. L-appellant qal li l-artikolu 21 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, jistabbilixxi illi r-rimedji li jingħataw mit-Tribunal għandhom ikunu proporzjonati u effettivi, u għalhekk ir-rimedju għandu jkun l-inqas wieħed oneruż għall-appellant skont il-liġi. Qal li l-appellat ingħata ċ-ċans jiċċara t-talba tiegħu, minn fejn jirriżulta li huwa talab rifużjoni tal-prezz, iżda l-appellant ma ngħatax opportunità ugwali sabiex jirregola ruħu dwar dan. L-appellant qal li t-Tribunal kellu jikkunsidra li huwa kien dispost li jibdel il-pergola, imma din l-offerta ġiet rifjutata mill-appellat mingħajr ma ngħatat raġuni.

14. L-appellat wieġeb li permezz ta' dan l-appell, l-appellant qiegħed jitlob lil din il-Qorti tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi miġjuba quddiem it-

Tribunal, u l-fatt li l-appellant għażel li jippreżenta dokumenti ġodda quddiem din il-Qorti, huwa prova ta' dan. Jgħid li kien l-appellant innifsu li għażel li jinjora l-proċedura quddiem it-Tribunal, u hija norma aċċettata mill-Qrati tagħna li qorti tat-tieni grad ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-ġudizzju tal-Qorti fi grad inferjuri in mertu tal-provi, salv f'każijiet eċċezzjonali ta' inġustizzja manifesta jew meta jkun hemm raġunijiet serji għal dan, li mhuwiex il-każ hawnhekk. L-appellat qal li lanqas m'huwa ġust li l-appellant jippretendi li l-kontenut tar-risposta mressqa minnu quddiem it-Tribunal jittieħed bħala stat ta' fatt, mingħajr ma jiġġustifika l-eċċezzjonijiet tiegħu bil-provi, u agħar minn hekk, mingħajr ma jipparteċipa fil-kawża, imbagħad jistenna li tkun din il-Qorti li terġa' tistħarreġ dak eċċepit minnu. Jgħid li aktarx li huwa għalhekk li fir-rikors tal-appell tiegħu, l-appellant ilmenta li l-kontenut tar-risposta tiegħu ma ġiex meqjus mit-Tribunal, aktarx għaliex ippretenda li dak li huwa stqarr jitqies bħala fatt mingħajr ma ġie ppruvat. L-appellat qal ukoll li huwa resaq bil-każ tiegħu quddiem it-Tribunal bħala l-aħħar pass, wara li l-MCCAA kienet għamlet l-interventi tagħha bejn il-partijiet sabiex il-kwistjoni tiġi riżolta, u għalhekk l-appellant kellu ż-żmien kollu sabiex jirrimedja s-sitwazzjoni qabel ma ġew istitwiti dawn il-proċeduri ġudizzjarji. Qal li qabel ma talab l-intervent mal-MCCAA, huwa kien ipprova jagħmel komunikazzjoni diretta mal-appellant, imma dan kien għalxejn. Qal ukoll li kien l-appellant li naqas milli jipprovdilu l-irċevuta u l-garanzija kummerċjali relattiva, u mhuwiex minnu li huwa naqas milli jattendi għal xi appuntament sabiex jiġi pprovdut b'xi rimedju. Qal li ma jistax jingħad li r-rimedju mogħti mit-Tribunal ma kienx wieħed proporzjonat fiċ-ċirkostanzi, għaliex l-appellant għażel li jinjora l-obbligi tiegħu, għamel wegħdiet li ma onorax, u baqa' inadempjenti fil-konfront tal-appellat.

15. Il-Qorti tirrileva li t-Tribunal seta' jistabbilixxi li d-danni li qiegħed jilmenta minnhom l-appellat jeżistu tassew, għaliex ġew esebiti diversi ritratti li juru l-ħsara msemmija, kif ukoll ġiet esebita korrispondenza bejn l-appellat u impjegat jew rappreżentant tal-appellant, li tindika li l-appellant aċċetta li jissostitwixxi l-pergola in kwistjoni. Naturalment din l-offerta saret għaliex l-appellant kien qiegħed jirrikonoxxi li tassew hemm il-ħsara, u li din il-ħsara kienet tali li timmerita is-sostituzzjoni tal-installazzjoni magħmula minnu. Din il-korrispondenza saret f'Ġunju tal-2023. Il-proċeduri quddiem it-Tribunal ġew istitwiti f'Settembru tal-istess sena, meta kien ċar għall-appellat li minkejja l-wegħdi li sarulu li kien ser ikun hemm konsenja ġdida ta' pergoli u li l-pergola li kellha tissostitwixxi dik installata għandu, kellha titgħabba mal-konsenja li jmiss, kienu wegħdiet fiergħa u li ma ssarrfu fl-ebda rimedju għall-appellat. Il-Qorti tfakkar li l-proċeduri quddiem it-Tribunal saru wara li kien hemm intervent min-naħa tal-MCCAA, u kien hemm korrispondenza bejn il-partijiet li ma wasslet għall-ebda rimedju. Huwa inutli li l-appellant jgħid li r-rimedju offrut kellu jkun l-inqas wieħed oneruż għalih, għaliex minkejja li huwa ngħata ċ-ċans isewwi l-ħsara u jissostitwixxi l-pergola difettuża, huwa naqas milli jagħmel dan. F'dan ir-rigward kien korrett it-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu, li ladarba baqgħet ma seħħitx il-wegħda li saret lill-appellat li tiġi sostitwita l-pergola, l-uniku rimedju fattibbli li kien għad fadal kien dak tar-rifużjoni tal-ispejjeż kollha li għamel l-appellat. Għaldaqstant anki dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-appell odjern billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi, għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**